MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 32/2003/1

**Carmel Joseph Farrugia**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment dwar l-eccezzjoni ta' rikuza sollevata fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2005 mill-appellant fil-konfront tal-President ta' din il-Qorti.

L-appellant jallega li bid-decizjoni taghha tat-30 ta’ Marzu, 2004 moghtija fil-konfront ta’ Anthony Farrugia (li kien originarjament ko-akkuzat ma’ l-appellant odjern), il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali iddecidiet il-meritu tal-kaz anke fil-konfront tieghu, b’mod li ghalhekk gie lez fil-konfront tieghu id-dritt ghal smigh xieraq bi ksur tal-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament.

Issa, ghalkemm l-allegazzjoni hija biss fil-konfront tal-Qorti tal-Magistrati, jirrizulta mill-atti u senjatament mid-dokument a fol. 29, li dik is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati giet konfermata fit-totalita` taghha mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-2 ta’ April, 2004. Il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kienet f’dik l-okkazjoni komposta mill-President ta’ din il-Qorti Kostituzzjonali, cioe` mill-Prim Imhallef.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, hemm lok li tintlaqa’ l-eccezzjoni tar-rikuza tal-Prim Imhallef.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-eccezzjoni msemmija, u tiddifferixxi l-appell ghal nhar il-Gimgha, 29 ta’ April, 2005 fid-9.00am sabiex jinstema’ minn din il-Qorti diversament komposta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------